SAN GILJAN

# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 43/K8/17**

Data tal-laqgħa: 8 ta' Marzu 2018

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-4.30 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Martin John Sultana – Kunsillier
John Agius - Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier
Clayton Luke Mula – Kunsillier
Clayton Tanti Gregoracy – Kunsillier
Edgar Montanaro – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1)) – (2)**

Albert Buttigieg – Viċi Sindku (Inc. 1545/18)
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera (Inc. 1772/18)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjal Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Connie Said – Segretarja

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

Is-Sindku Guido Dalli ppresieda l-laqgħa.

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**43.5 Proġett ta' Pjazza Balluta;**

43.5.01 Saret sospensjoni ta' l-Agenda sabiex il-Perit Anthony Bezzina jagħmel il-preżentazzjoni fuq il-proġett tal-Pjazza tal-Balluta. Wara li l-perit għamel il-preżentazzjoni dwar il-proposta mressqa mill-Perit Van Egreet, saret diskussjoni fejn kien hemm qbil unanimu li l-Perit Bezzina jagħmel survey tal-pjazza kollha u jressaq quddiem il-Kunsill proposta ħolistika għall-pjazza kollha fejn fiha jagħti indikazzjoni ta' l-istimi tax-xogħol. Fl-istess waqt ġie mitlub ukoll iħejji stima wkoll tax-xogħolijiet għat-tisbiħ ta' Pjazza Qalb ta' Ġesu'.

43.5.01 Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel unanimament li l-Perit Anthony Bezzina jagħmel *survey* għall-Pjazza Balluta u għall-Pjazza Spinola sabiex wara l-Kunsill jqabbel l-istimi u jieħu deċiżjoni wara.

**43.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

43.1.01 Il-Viċi-Sindku Albert Buttigieg talab li jitniżżel bħala preżenti għal-laqgħa ta' llum, peress li nbidlet il-ġurnata tal-laqgħa. Il-Kunsill ma aċċettax u ġie deċiż li jitniżżel bħala skużat.

43.1.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli talbet li tiġi skużata għal-laqgħa ta' llum peress li tinsab ndisposta.

43.1.03 Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li tiġi skużata għal-laqgħa.

**43.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

43.2.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 42/K8/18 għall-approvazzjoni.

43.2.02 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoraci ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 42/K8/18.

43.2.03 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ssekondah fl-approvazzjoni tal-Minuti 42/K8/18.

43.2.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

43.2.05 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab jekk kienx hemm żviluppi dwar il-grawnd tal-futbol Ta' Giorni. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li ser issir laqgħa għada d-9 ta' Marzu 2018 mas-Sinjura Marisa Pisani waħda mid-Direttura tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**43.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

43.3.01 Iċ-Ċermen ippreżenta stimi ta' diversi toroq sabiex isir *resurfacing* tagħhom filwaqt li kienu għaddejjin diskussjonijiet mal-Perit minħabba l-fondi tal-UIF ma setgħetx tittiehed deċiżjoni ta' liema toroq jistgħu jsiru mingħajr ma' jkun hemm bżonn li tiġi mwessa' l-bankina.

43.3.02 Il-Kunsillier Martin Sultana talab li tinbagħtlu l-lista tat-toroq inkluż l-istimi.

43.3.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

- Ser isir *clean-up* f'Mejju minn Raketech;
- L-Uffiċċju Amministrattiv ser jagħlaq fis-2.30p.m. nhar il-Ġimgħa 23 ta' Marzu 2018 f'Jum id-Duluri u nhar il-Ħamis 29 ta' Marzu 2018 f'Ħamis ix-Xirka;
- Il-Kunsill rċieva l-kwotazzjoni mingħand ir-*Road Maintenance Services Ltd* rigward l-*Outdoor Gym Equipment* għal persuni b'diżabilita'. Il-Kunsill qabel unanimament li dan jiżdied parti mat-*tender* fil-proġett ta' Spinola Gardens.

**43.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;**

43.4.01 Il-Kunsillier Edgar Montanaro saqsa jekk l-Active Enterprises Ltd ħallasx l-ammont pendent li kellu. Iċ-Ċermen Guido Dalli għandu jikkuntattjah.

43.2.07 Il-Kunsillier Martin Sultana rringrazzja lis-Segretarju għall-mod kif il-Kunsill ħa ħsieb is-sitwazzjoni ta' l-iskartl tal-Kulleġġ ta' l-Għarab.

**43.6 Festa San Patrizju;**

43.6.01 Wara diskussjoni rigward il-Festa San Patrizju, ġie diskuss li sabiex jinzamm il-*buon ordni* hemm bżonn ta' numru ta' *security*, Pulizija u Uffiċċjali tat-Transport Malta. Għaldaqsant sabiex il-

Kunsill itaffi ftit minn dawn l-ispejjeż, ġie deċiż unanimament li l-ħwienet jħallsu €500 u l-Kunsill jħallas €3,500.

43.6.02 Il-Kunsill qabel unanimament ma' l-istima mingħand l-Assistent Kummisarju Alexandra Mamo (Appendiċi 'A') dment li jkunu salvagwardjati r-residenti u l-massa.

**43.7 Twaqqif ta' *Town Management Committee* f'Paceville'**

43.7.01 Iċ-Ċermen Guido Dalli ta spjegazzjoni ta' x'ġara sa llum rigward it-*Town Manegament Committee* f'Paceville fosthom ressaq ittra mibgħuta mill-Kumitat Amministrattiv Paceville fejn unanimament kienu qablu li tintbagħat din l-ittra lill-Awtorita' kkonċernata.

43.7.02 Iċ-Ċermen Guido Dalli ressaq mozzjoni (Appendiċi 'B').

43.7.03 Il-Kunsill qabel unanimament li tintbagħat l-ittra mehmuza mal-mozzjoni.

**43.8 Talbiet żgħar;**

**43.8.01 E-mail mingħand is-Sur Roger Mamo rigward il-kors, Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar - April 2018 (Inc. 1301/18);**

43.8.01.01 Saret referenza għall-email mingħand is-Sur Roger Mamo, rigward il-kors Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar – April 2018. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unaninament li nkellmu lill-Kappillan sabiex dan il-kors isir ġewwa s-sala tal-Kappillan tal-Balluta.

**43.8.02 E-mail mingħand is-Sinjura Laura Swale f'isem l-Allura – Malta Open Art Studios dwar Studio Trail (Inc. 1396/18);**

43.8.02.01 Saret referenza għall-email mingħand is-Sinjura Laura Swale f'isem l-Allura – Malta Open Art Studios dwar Studio Trail. Wara iskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li ċ-Ċermen Guido Dalli jagħmel laqgħa magħhom.

**43.8.03 E-mail mingħand is-Sur George Saliba mill-Kumissjoni Elettorali rigward Tibdil ta' Konfini (Inc. 1580/18);**

43.8.03.01 Saret referenza għall-email tas-Sur George Saliba mill-Kumissjoni Elettorali dwar Tibdil ta' Konfini. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lill-Kunsill Lokali Pembroke li l-Kunsill qabel fir-rigward l-ewwel proposta li tirrigwarda Triq Emanuel Decelis u fl-istess waqt ma kienx qed

jaqbel mat-tieni proposta biex jiċċaqalqu l-konfini fl-area fejn kien hemm l-ITS.

**43.8.04 E-mail mingħand l-ECAD rigward reġistrazzjoni għall-25th Mayors Forum (Inc. 1592/18);**

43.8.04.01 Saret referenza għall-email mingħand l-ECAD rigwrd reġistrazzjoni għall-25th Mayors Forum. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li aktar 'il quddiem jiddeċiedu min ser imur.

**43.8.05 Email mingħand it-TCTC rigward Robotica & Coding Agreement 2018 (Inc. 1653 & 1655/18);**

43.8.05.01 Saret riferenza għall-emails mingħand it-TCTC rigward Robotica & Coding Agreement 2018. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill għandu jagħmel dan il-kors.

**43.8.06 Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigwrd Internation Urban Cooperation (IUC) city-to-city cooperation programme (Inc. 1665/18);**

43.8.06.01 Saret referenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward *International Urban Cooperation (IUC) city-to-city cooperation programme*. Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill m'għandux interess fih.

**43.8.07 Email mingħand is-Sinjura Marie-Jeanne Borg dwar Ċirkulari 1/2018 – Skema – Korsijiet Lifelong Learning 2018 – 2019 (Inc. 873/18**

43.8.11.01 Saret referenza għall-email mingħand is-Sinjura Marie-Jeanne Borg dwar Ċirkulari 1/2018 – Skema – Korsijiet Lifelong Learning 2018 – 2019. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-Kunsill għandu japplika.

**43.09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat Amministrattiv;**

43.09.01 Iċ-Ċermen ressaq Minuti 38/KA2/18 u l-Minuti tat-Tmien Laqgħa Pubblika tal-Kumitat Amminstrattiv Pacevile għall-approvazzjoni. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jiġu approvati.

**43.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

43.10.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara appendiċi 'Ċ')

43.10.02 Il-Kunsillier Clayton Luke Mula ippropona l-approvazzjoni tagħhom.

43.10.03 Il-Kunsillier Clayton Tanti Gregoracy issekondah.

**43.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

43.11.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 4385 sa 4396.

43.11.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' l-imsemmija Purchase Request Sheets.

**43.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

43.12.01 Il-laqgħa li jmiss ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 12 t'Apil 2018.

43.12.02 Il-laqgħa ntemmet 7.15p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 12 ta' April 2018